# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru, 2020**

**Numru**

**Rikors Numru 27/10TA**

**George Micallef [I.D. 599364(M)]**

**vs**

**Veronica u Dominic, konjuġi Grima [I.D. 691462(M)] u [I.D. 343061 (M)] u Salvatore Micallef [I.D. 817957 (M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur tat-12 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

> "Illi, l-attur u l-konvenuti, f'din il-kawża bl-ismijiet premessi, huma kollha aħwa Micallef, wlied il-mejtin Emanuel u Teresa Micallef nee' Cassar, u residenti kif ġej:- l-attur fil-fond **17, 'Carina', Triq Giovanni Ricasoli, Kalkara,** il-konvenut Salvatore Micallef, fil-fond **11, Orlando Street, Żabbar** u l-konvenuti Veronica u Dominic, konjuġi Grima, kif sejjer jiġi muri aktar il-quddiem f'dan ir-rikors, kontemporanjament residenti ġewwa **13, Church Street, Xgħajra limiti ta' Żabbar** u **11, Orlando Street, Xgħajra limiti ta' Żabbar**;
>
> Illi, Salvatore Micallef għandu proprjeta' oħra tiegħu li tinsab ġewwa **Nru 95, Church Street, Xgħajra limiti ta' Żabbar**.

Illi, l-attur George Micallef, huwa proprjetarju tal-fond **11, Orlando Street, Xgħajra limiti Żabbar**, u dan stante li kien xtraha mingħand Lorenza sive Grace mart Francs Gili, permezz ta' kuntratt li sar nhar il-**11 ta' April tas-sena 1986**, imdaħħal fl-atti tan-Nutar George Cassar, Nutar Pubbliku f'Malta, kopja ta' liema kuntratt qegħda tiġi hawnhekk annessa flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala **DOK 'A'**;

Illi, il-fond kif mixtri skond il-kuntratt premess, kienet tikkonsisti f'kamra, li l-attur sussegwentement waqqa' u mill-ġdid bena dar. Id-dar li bena hija l-fond attwali okkupat fis-sit imsemmi, kopja ta' liema pjanta qegħda tiġi annessa flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala dok 'b'. Wara li kien bena din id-dar l-attur, ħuh Salvatore u ommu Teresa, marru jgħixu f'dan il-fond, flimkien. L-attur ma kien jitħallas xejn minn għand ħuh jew ommu talli kienu jgħixu hemm ġew u minn naħa tiegħu qatt ma talabhom xi forma ta' pagament;

Illi, fis-sena 1991, l-attur iżżewweġ il-mara attwali tiegħu, Josephine, u marru joqgħodu fir-residenza tagħhom li jġib l-indirizz suriferit tal-Kalkara. Huwa ħalla lil ommu Tereża, lill-oħtu Veronica u r-raġel tagħha Dominic, kif ukoll ħuh Salvatore jgħixu ġewwa l-fond 11, Orlando Street, Żbbar b'mera tolleranza, u dan sabiex ma jinqalax diżgwid fil-familja;

Illi, reċentement, fil-**31 ta' Diċembru tas-sena 2007**, omm il-kontendenti. Tereża, mietet u saru diversi tentattivi minn naħa tal-attur li jinterpella bil-fomm il-konvenuti sabiex jivvakaw u jallontaw ruħhom mill-proprjeta' tiegħu għax riedha lura f'idejh. Dawn it-tentattivi tiegħu kienu kollha inutili u saħansitra Salvatore Micallef heddu bi vjolenza fiżika fuq persuntu jekk l-attur George Micallef jipprova joħorġu minn hemm. Ir-rapport li sar mal-Pulizija tad-Distrett, nhar il-25 ta' Novembru, 2008, kopja ta' liema rapport qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dok C**', iservi sabiex tistruwixxi l-allegazzjoni tal-attur;

Illi, minkejja l-fatti li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi anke bil-miktub, b'ittra bonarja tad-**19 ta' Novembru, 2008** u ittra oħra uffiċjali iddatata t-**28 ta' Novembru, 2008**, kopja ta' liema ittri qegħdin jiġu hawnhekk annessi u mmarkati bħala **DOK 'D1','D2'** u '**E**', dawn baqgħu inadempjenti u sal-ġurnata tal-lum għadhom jokkupaw il-fond mertu ta' din il-vertenza;

Illi, għalhekk l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-fond 11, Orlando Street, Żabbar mingħajr titolu u għaldaqstant l-attur, proprjetarju tal-fond in kwistjoni, qiegħed jinterponi din l-azzjoni sabiex ifittex l-iżgumbrament tal-konvenuti li huma kollha minn issa stess inġunti għas-subizzjoni;

Għaldaqstant, in vista ta' dak supremess u ta' dawk il-provi kollha li sejrin jinġiebu a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti waqt l-andament tal-kawża fl-ismijiet premessi, l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:

1. Tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti Salvatore Micallef u Veronica u Dominic, konjuġi Grima, minn ġewwa l-fond 11, Orlando Street, Żabbar,

> fi żmien qasir u perentorju, bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza kollha kontra l-konvenuti, minn issa stess inġunti għas-subizzjoni, inklużi dik tal-ittra uffiċjali datata t-28 ta' Novembru, 2008."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenuti tat-2 ta' Frar 2010 li biha wieġbu is-segwenti:

> "1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda u dana peress illi meta l-attur rikorrenti xtara d-dar dana għamlu b'mod 'presta nome' f'isem ommu Teresa Micallef illum defunta u tali xiri kien sar bil-patt bejn l-aħwa Micallef li jibqgħu jgħixu fil-fond mertu taċ-ċitazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi;
>
> 2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Qrat ix-xhieda kollha;

Rat li permezz ta' nota tal-10 ta' Settembru 2020 l-Attriċi nfurmat lil din il-Qorti li ċ-ċavetta tal-fond mertu tal-Kawża ġiet mogħtija lilha u li għalhekk illum tinsab fil-pussess tiegħu (a' fol 138).

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020 il-konvenuti permezz ta' nota ammettew il-kawża fl-istadju li tinsab fiha llum;

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawża kienet ilha snin għaddejja. Mill-4 ta' April 2004 sal-10 ta' Diċembru 2019. Din il-Kawża kienet qed tistenna l-esitu ta' Kawża oħra li

ġiet deċiża fl-24 ta' Ottubru 2019 mill-Qorti tal-Appell (a' fol 118). Fil-kawża l-oħra il-konvenuti flimkien ma oħrajn (allura Atturi f'dik il-Kawża) bdew jippretendu li dan il-fond jappartjeni lilhom qua eredi ta' ommhom, peress li meta George Micallef (Attur f'din il-kawża u konvenut fl-oħra) xtara l-fond mertu taż-żewġ proċeduri u dan għamlu fil-vesti ta' prestanome għal ommu. Għalhekk fil-kawża l-oħra kienu qed ifittxu li jiġu dikjarati li kienu ko-propjetarji. Di fatti anke fil-Kawża odjerna l-unika eċċezzjoni li taw il-konvenuti kienet f'dan is-sens.

Dan ifisser li wara dawn is-snin kollha li ilha pendenti din l-Kawża, il-konvenuti mhux biss ikkonsenjaw iċ-ċavetta iżda saħansitra ammettewha. Dan qiegħed jingħad għaliex fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2020 l-konvenuti pretendew li l-Atturi kellhom iċedu l-Kawża fil-waqt li ddikjaraw li kienu lesti li jħallsu l-ispejjes tal-Kawża bħala ċeduta.

Meta l-konvenuti iddeċidew li jammettu l-kawża, dan għamluh fir-rigward tal-Kap tal-ispejjes ukoll, anke jekk il-mertu kien eżawrit. Semmai, l-eżawriment tal-mertu jinċidi biss fuq l-unika talba Attriċi. Din il-Qorti di fatti, ser tkun qed tastjeni minnha stante l-konsenja taċ-ċavetta tal-fond de quo lill-Atturi fil-mori ta' din il-Kawża, għaliex f'tali ċirkostanzi jkun kontro sens li tilqa' t-talba għall-iżgumbrament meta issa l-Atturi ilhom fil-pusses tal-fond mertu tal-Kawża minn tal-inqas mill-10 ta' Settembru 2020.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta’ u tiddeċiedi l-Kawża billi **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-unika talba Attriċi għar-raġunijiet fuq spjegati.

Spejjes tal-Kawża jkunu kollha a’ karigu tal-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**